MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2001

Numru 738/1999

**AWLA 7**

**Illum 17 ta’ Dicembru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Emanuel Camilleri**

**Vs**

**Peter Argento**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Peter Argento ta’ 55 sena, bin Paul u Jane nee’ Carachi imwieled Paola u joqghod ‘Peter’ Hal Saflieni street, Paola, bin-numru tal-karta tal-identita’ 376444 (M);

Talli bejn l-24 ta’ Marzu, 1997 u s-27 ta’ Marzu 1999 u fis-snin ta’ qabel fil-fond Peter House, Hal Saflieni Street, Paola, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna illi kellu f’idejh l-imsemmi fond b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

Ikkommetta serq ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal mitjen u disgha u tmenin lira maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm289.86) ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur.

Kif ukoll ghamel hsara jew kiser parti minn meter ta’ elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumi wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Wara illi rat l-Artikoli 261 B u 278 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi, peress illi r-relazzjoni tal-Perit Cassar Torreggiani giet skartata wara li dik prezentata kienet ta’ access iehor mhux ta’ dan il-kaz u wara li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma’ fadlilhix aktar provi, din il-Qorti ma’ tistax issib lill-imsemmi Peter Argento hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant qeghda tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------